# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 12 ta' Frar 2020**

**Talba Numru 92/2019SFJ**

***Vodafone Malta Limited (C10865)***
***vs.***
***Alexandra Cadoo (266895M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' April 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' seba' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€753.45) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11004033 (tariffa "*RED Standard [ECO]*") fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimata, oltre l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument X1 – *Statement* li jindika li l-ammont dovut huwa hekk dovut in konnessjoni ma' servizzi reżi bejn l-1 ta' Ġunju 2015 u l-1 ta' Ottubru 2018, liema *statement* jindika l-ammont mitlub permezz ta' din l-azzjoni; u

ii. Dokument X2 – Affidavit ta' Dr Jeremy Debono datat 24 ta' Ġunju 2019 għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li jikkonferma li l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba għadu dovut u li s-soċjetà attriċi ippruvat tinterpella lill-konvenuta aktar minn darba sabiex tersaq għall-ħlas, liema tentattivi kollha irriżultaw fin-negattiv tant li kellha tiġi intavolata din it-talba.

Ra li l-konvenuta kienet debitament innotifikat bl-Avviż tat-Talba permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern (ara fol. 21, 24 u 25) u f'gazzetta lokali (ara fol. 27 u 28).

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020, is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li l-konvenuta ma dehret għal ebda waħda mis-seduti miżmuma u ma ppreżentat ebda dokument jew sottomissjoni kwalsiasi.

Ra li fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2020, il-konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni biex tikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€753.45) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**